**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 53**

**nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2017, fil-5:30pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 53 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2017, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella - Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Hadd

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

Il-laqgħa bdiet fis-5:34pm.
Il-Kunsillier Elia Borg daħal għal-laqgħa fil-5:39pm u l-Kunsillier Mario Sammut daħal fil-5:47pm.

Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tal-live-streaming.

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

53.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

53.2.1 Il-Minuti li ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.3.1 Is-Sindku informa li kienet saret żjara mir-rappreżentanti tad-DG Regio u l-PPCD dwar il-programm taż-żjara tad-delegati tal-konferenza tal-Interreg f' April li ġej. Matul din iż-żjara, ġie ffurmat il-programm taż-żjara li dawn id-delegati ser jagħmlu fl-Imġarr.

53.3.2 Is-sindku wera' l-apprezzament tiegħu għall-avveniment ta' Ġieħ l-Imġarr 2017 li kien ttella' ftit jiem qabel. Fl-istess ħin, is-Sindku ħabbar proposta sabiex jitwaqqaf Bord Konsultattiv sabiex iħejji linji gwida għall-protokol ta' kif għandha titmexxa l-għotja tal-Ġieħ, kif ukoll ir-relazzjoni ma' dawk li jkunu irċevewh matul is-snin. Din il-proposta intlaqat tajjeb mill-Kunsill.

**53.4 Korrispondenza**

53.4.1 Is-Segretarju ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill numru ta' korrispondenzi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u entitajiet oħra Governattivi.

43.4.2 Dwar DLG Ċirkolari 6/2017, il-Kunsill iddeċieda li jaraha aktar tard waqt punt 43.12 tal-Aġenda.

**53.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

53.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

53.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 02/2016 li kienet tammonta għall-€21,318.99.

53.6.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda.

**53.7 Mozzjonijiet**

53.7.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa

**53.8 Estimi Finanzjarji għas-Sena 2016**

53.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2016 hekk kif ippreparati mill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea.

53.8.1 Il-Kunsill ra fid-dettall dawn l-Estimi u wara dan, il-Kunsill approva unanimament dawn l-Estimi Finanzjari għas-sena 2016, li ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**53.9 Kuntratt ġdid għas-Servizz tal-Ġbir ta' Skart Domestiku u Organiku**

53.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li l-proċess tal-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għas-servizz tal-ġbir ta' skart domestiku u organiku kien ġie konkluż, hu u s-Sindku iltaqħu mal-kuntrattur il-ġdid, jiġifieri Galea Cleaning Solutions JV biex jitħejja pjan ta' ħidma.

53.9.2 Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li il-kuntrattur attwali (Waste Collection Limited) kien ser jaħdem l-aħħar nhar is-Sibt 25 ta' Frar, filwaqt li l-kuntrattur il-ġdid kien ser jibda' l-operat tiegħu it-Tnejn, 27 ta' Frar 2017.

**53.10 Kuntratt ġdid għas-Servizz tal-Ġbir ta' Skart Riċiklabbli**

53.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta iż-żewġ proposti għas-servizz tal-ġbir ta' Skart Riċiklabbli mingħand iż-żewġ operaturi, jiġifieri il-GreenPak u l-GreenMT.

53.10.2 Wara li l-Kunsill fela' iż-żewġ offerti, iddeċieda b' mod unanimu li jagħżel l-offerta tal-GreenMT.

53.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jinforma liż-żewġ operaturi b' dan l-eżitu.

**53.11 Proposti ta' Sejħiet ta' Offerti u Kwotazzjonijiet oħra matul l-2017**

53.11.1 Il-Kunsill iddiskuta liema sejħiet għall-offerti u/jew kwotazzjonijiet ser ikun hemm li joħorġu matul din is-sena ta' ħidma.

53.11.2 il-Kunsill approva li matul ix-xhur li ġejjin jinħarġu sejħiet għal :

- Kisi b' turf artifiċjali tal-ground biswit il-bandli ta' Wesgħat il-Ġublew;
- Xogħol ta' manutenzjoni u modifikazzjoni fil-bandli ta' Ġnien Skorba;
- Installazzjoni ta' fence fi' Triq l-Alwiża;
- Servizz ta' Perit għall-Kunsill;
- Servizz ta' provvediment ta' konkos;
- Servizz ta' Stationery għall-Kunsill;

kif ukoll, possibbilment:

- Period Contract għall-manteniment tal-ICT, u
- Period Contract għall-interventi ta' xogħol ċiviku.

**53.12 Ċirkolari DLG 6/2017 - Allowance lill-Kunsillieri**

53.12.1 Il-Kunsill iddiskuta iċ-Ċirkolari imsemmija dwar l-attendenza tal-kunsillieri għal-laqgħat tal-Kunsill u l-għotja jew it-tnaqqis tal-Allowance.

53.12.2 Il-Kunsill qabel b' mod unanimu li, fid-direzzjoni tal-istess ċirkolari, jekk in-nuqqas tal-attendenza ta' xi kunsillier għal xi' laqgħa jkun ġustifikat u l-ittra tal-apoloġija tkun aċċettata, l-allowance ma titnaqqasx.

53.12.3 Il-Kunsill qabel ukoll li l-allowance li ma ngħatatx lill-Kunsillier Clayton Gauci għal-laqgħat li m' attendiex matul il-perjodu Lulju-Diċembru 2016 tingħatalu kollha peress li kien hemm raġunijiet validi u li ġew aċċettati mill-Kunsill.

**53.13 Kuntratt tad-Dawl fit-Toroq maħruġ mir-Reġjun Tramunata**

53.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Ftehim ta' Koperazzjoni dwar l-Installazzjoni u l-Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq maħruġ mir-Reġjun Tramuntana għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mad-diversi kjarifiki u korrispondenzi relatati ma' dan il-ftehim bejn l-imsieħba.

53.13.2 Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposti u għaldaqstant il-Kunsill approva dan il-ftehim.

53.12.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jinforma b' dan lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Tramuntana.

**53.12 Proposta ta' Proġetti Ewropej minn Lagosanto**

53.12.1 Il-Kunsill iddiskuta proposta ta' parteċipazzjoni fi' proġetti Ewropej li waslet mill-belt ta' Lagosanto li magħha il-Kunsill hu ġġemellat.

53.12.2 L-ewwel proġett huwa ntenzjonat għaż-żgħażagħ u jismu 'Il Delta visto da...' u l-Kunsill ġie mistieden itella 3 żgħażagħ ta' bejn il-15 u s-16 il sena flimkien ma' xi ħadd li jmexxihom f' Ġunju li ġej fl-Italja, bil-ħsieb li jipproduċi dokumentarju/filwat dwar il-postijiet li ser ikunu qed iżuru. L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, l-ikel u żjajjar ser ikunu koperti mill-organizzaturi filwaqt li t-titjiriet jitħallsu direttament mill-parteċipanti.

53.12.3 It-Tieni proġett ser isir fit-22 ta' Lulju u ser ikun jikkonsisti festival fit-toroq (street festival) u qed isejħulha 'festa dei gemellaggi'. Għal dan

mistednin jitilghu rapprezentanti tal-Imgarr li jaghmlu esibizzjoni bil-prodotti tipiċi Imġarrin. Se jkun hemm l-istess tip ta' arranġamenti finanzjarji bħall-proġett imsemmi f' 53.12.2.

53.12.4 Il-Kunsill qabel li iħajjar residenti mill-lokalita' sabiex jipparteċipaw f' dawn il-proġett biex jitkompla jintlaħaq l-iskop aħħar tal-ftehim ta' ġemellaġġ ma' Lagosanto. Fl-istess ġin ser ikun qed jistaqsi għall-aktar dettalji dwar dawn il-proġetti.

**53.15 Tmiem tal-laqħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

53.15.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:57pm.

53.15.2 Il-Laqgħa li jmiss issejjħet għal-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***